MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Appell Civili Numru. 2653/1998/1

**George Agius, Eugenio Cauchi, Francis Cutajar, Joseph Debono, George Debono, Emanuel Dingli, Victor Fenech, Saviour Hili, Mario Micallef, Joseph Mifsud, Joseph Mifsud, George Spiteri, Mario Spiteri, George Zammit u Joseph Zammit**

**v.**

**Charles V. Schembri bhala *Chairman* u ghan-nom tal-*Port Labour Joint Council*; Direttur Esekuttiv responsabbli ghall-Portijiet; Il-Ministru ghat-Trasport u Telekomunikazzjonijiet**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Permezz ta' citazzjoni pprezentata fis-16 ta' Dicembru 1998, l-appellanti, allura atturi, iddikjaraw li huma haddiema tal-port b'licenzja taht il-Kap. 171 tal-Ligjiet ta' Malta (l-Ordinanza dwar il-Haddiema tal-Port), u li meta fetah il-*freeport*, bi qbil ma' l-awtoritajiet u l-haddiema tal-port marru jahdmu ma' *Freeport Terminal Limited*. Huma fissru li r-Regolamenti tal-Port ta' l-1993 u dawk li kienu fis-sehh qabel, ma jiddistingwux bejn haddiema tal-port li jahdmu l-Belt Valletta u dawk li, bhall-atturi, jahdmu fil-*freeport terminal*. Il-Hames Skeda ta' dawk ir-regolamenti tghid illi l-qligh li jmiss lill-haddiema tal-port ghandu jinqasam bejn il-haddiema tal-port f'ishma ndaqs, u fil-fatt id-dhul mix-xoghol ta' *unitised cargo* kien jinqasam bejn il-haddiema tal-port, fosthom l-atturi. Mill-bidu ta' Jannar ta' l-1990, izda, il-konvenuta *Port Labour Joint Council* waqfet taghti lill-atturi sehemhom mid-dhul mill-*unitised cargo*.

L-atturi komplew jispjegaw fic-citazzjoni illi huma fittxew li jilhqu ftehim mal-partijiet, fosthom il-*General Workers Union*, u ghal dan il-ghan fl-10 ta' Lulju 1996, bi ftehim bejn l-atturi, il-Ministru tat-Trasport u l-*General Workers Union*, kien inhatar l-Imhallef Godwin Muscat Azzopardi bhala konsulent indipendenti biex jaghti l-fehma tieghu dwar il-vertenza. Fir-rapport tieghu l-konsulent sab illi l-atturi kellhom jiehdu sehem mill-qliegh flimkien mal-haddiema l-ohra. Minkejja dan, il-konvenuti baqghu ma tawx lill-atturi dak li hu taghhom. L-atturi ghalhekk fethu din il-kawza u qeghdin jitolbu illi l-qorti:

1. tghid illi l-atturi ghandhom jedd li jaqsmu ndaqs mal-haddiema l-ohra tal-port id-dhul mill-*unitised cargo* li jidhol il-port;

2. tillikwida sehem l-atturi minn dan id-dhul minn Jannar ta' l-1990 sallum; u

3. tikkundanna lill-konvenuti, jew lil min minnhom hu responsabbli, ihallas lill-atturi s-somma li tigi hekk likwidata, flimkien ma’ l-ispejjez u l-imghax minn data li tiddeciedi l-qorti sa meta jsir il-hlas.

Il-konvenuti *Port Labour Joint Council* u Direttur Esekuttiv responsabbli ghall-Portijiet ressqu dawn l-eccezzjonijiet:

1. id-Direttur Esekuttiv kien imharrek ghalxejn, u ghandu jinheles mill-harsien tal-gudizzju, ghax l-Awtorita` Marittima ma ghandhiex is-setgha jew id-dmir li tirregola l-kondizzjonijiet tal-haddiema tal-port ladarba l-atturi ma humiex impjegati ma’ l-awtorita`;

2. skond l-Art. 8 ta’ l-Ordinanza dwar il-Haddiema tal-Port huwa l-*Port Labour Joint Council* illi ghandu l-funzjoni illi jistabbilixxi l-kondizzjonijiet ta’ impieg ta’ haddiema tal-port, u ghalhekk ghall-integrita` tal-gudizzju kien mehtieg illi jkun imharrek biss dak il-kunsill;

3. il-proceduri huma intempestivi billi din il-vertenza qatt ma tressqet formalment quddiem il-kunsill, u ghalhekk il-kunsill qatt ma kellu l-opportunita` li jaghti decizjoni dwar il-kwistjoni, kif trid illi jsir l-Ordinanza, u ghalhekk l-atturi naqsu milli jinqdew bir-rimedju li taghtihom l-Ordinanza; u

4. bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talbiet ta’ l-atturi huma infondati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Il-konvenut Ministru ghat-Trasport u Telekomunikazzjonijiet ressaq dawn l-eccezzjonijiet:

1. illi hu ma hux kontradittur legittimu ghat-talbiet maghmula fic-citazzjoni, u ghalhekk ghandu jinheles mill-harsien tal-gudizzju; u

2. illi safejn maghmula kontra tieghu, it-talbiet ta’ l-atturi ghandhom jigu michuda billi hu ma ghandu ebda obbligu jhallas lill-atturi kif qeghdin jippretendu.

**<u>Sentenza tal-Prim Awla</u>**

Permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Mejju 2002, wara li dik il-Qorti cahdet l-eccezzjonijiet preliminari tal-illegittimita` tad-Direttur Ezekuttiv responsabbli ghall-Portijiet u tal-Ministru ghat-Trasport u Telekomunikazzjonijiet, kif ukoll l-eccezzjoni preliminari tal-intempestivita` tal-proceduri, cahdet ukoll it-talbiet tal-atturi, u dan wara li kkunsidrat is-segwenti:

"Qabel ma nqisu l-meritu tat-talbiet ta' l-atturi, jehtieg illi nqisu l-eccezzjonijiet dwar min huwa l-kontradittur legittimu ghal dawn it-talbiet, u dwar it-tempestività ta' dawn il-proceduri.
"Il-konvenut Direttur Esekuttiv responsabbli ghall-Portijiet, li hu ufficjal ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta, u l-konvenut *Port Labour Joint Council* qeghdin ighidu illi huwa biss dan ta' l-ahhar li kellu jkun imharrek f'dawn il-proceduri ghax l-art. 8 ta' l-Ordinanza dwar il-haddiema tal-Port ighid illi hija funzjoni ta' dak il-kunsill "li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet ta' impieg ta' haddiema tal-port".
"Huwa minnu illi l-kwistjoni jekk l-atturi ghandhomx jiehdu l-hlasijiet li qeghdin jippretendu hija kwistjoni illi tolqot il-kondizzjonijiet ta' l-impjieg taghhom; madankollu, id-dispozizzjoni tal-ligi illi fuqha qeghdin jistriehu l-konvenuti hija generika: tolqot b'mod aktar specifiku l-kaz tallum id-dispozizzjoni ta' l-art. 9(2)(*b*) ta' l-Ordinanza li jghid illi l-Awtorità Marittima ta' Malta ghandha:
tizgura l-ammont ta' drittijiet li jkollhom jithallsu lil g*recte*: minnh min jimpjega lill-haddiema tal-port skond dik it-tariffa li tista' ssir bis-sahha tad-dispos-izzjonijiet ta' din l-Ordinanza, tigbor dawk id-drittijiet minghand il-persuna responsabbli ghall-hlas taghhom, u li thallas lil dawk il-haddiema tal-port dawk id-drittijiet li jkunu dovuti lilhom skond id-disposizzjonijiet ta' din Ordinanza;
"Minn din id-dispozizzjoni tohrog cara l-legittimazzjoni passiva ta' l-Awtorità Marittima biex tikkontesta dan il-kaz. Kif sewwa qalu l-atturi fin-nota ta' osser-vazzjonijiet taghhom, is-setghat u d-dmirijiet ta' l-Awtorità dwar il-portijiet huma delegati lill-konvenut Direttur Esekuttiv responsabbli ghall-Portijiet[1], u kull haga li ghandha ssir

[1] Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta gKap. 352h, art. 8(1).

minn jew kontra l-awtorità tista' ssir ukoll kontra d-direttur esekuttiv responsabbli[2].

"Ghal din ir-raguni kien imharrek sew il-konvenut Direttur Esekuttiv responsabbli ghall-Portijiet.

"Il-legittimazzjoni passiva tal-konvenut Ministru responsabbli ghall-portijiet ukoll tohrog mid-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-haddiema tal-Port, li fl-art. 8(5) tghid illi "kull decizjoni dwar kondizzjonijiet ta' impieg … … … ghandha tigi mibghuta quddiem il-Ministru" ghall-approvazzjoni tieghu.

"L-eccezzjonijiet dwar legittimazzjoni passiva huma ghalhekk michuda.

"L-eccezzjoni ta' intempestività ta' dawn il-proceduri hija mibnija fuq l-art. 8(2), (3), (4) u (6) ta' l-Ordinanza:

(2) Id-decizjonijiet tal-Kunsill skond dan l-artikolu ghandhom ikunu bi ftehim bejn in-naha tal-principali u n-naha tal-haddiema.

(3) Jekk iz-zewg nahat ma jkunux jistghu jaqblu, huma jistghu jiftiehmu li jirreferu l-kwistjoni taghhom ghad-decizjoni minn arbitru nominat mill-Ministru responsabbli ghax-xoghol fuq rakkomandazzjoni taghhom flimkien.

(4) Bla hsara ghas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, id-decizjoni ta' l-arbitru f'dawn il-kazijiet tkun finali safejn il-Kunsill ikun ikkoncernat.

(6) Ebda haga f'dan l-artikolu ma tipprekludi li wiehed jirrikorri ghall-proceduri ta' konciljazzjoni jew arbitragg skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att gdwar Relazzjonijiet Industrijalih meta n-naha tal-principali u n-naha tal-haddiema ma jkunux lahqu ftehim skond is-subartikolu (2) u (3) ta' dan l-artikolu.

"Fil-kaz tallum gara illi z-zewg nahat, *i.e.* in-naha tal-principali u n-naha tal-haddiema, ma ridux illi l-kunsill iqis it-talbiet ta' l-atturi.  Fil-fatt, jidher illi, ghalkemm l-atturi huma haddiema, in-naha tal-haddiema fil-kunsill kellha interessi kontra dawk ta' l-atturi.  Ghalhekk gara illi ghalkemm saru hafna laqghat ma ttiehdet ebda decizjoni dwar it-talbiet ta' l-atturi, u l-atturi ma kellhom ebda mezz biex igieghlu lill-kunsill iqis it-talbiet taghhom ghax min seta' jressaq it-talbiet taghhom quddiem il-kunsill jew ma

[2] Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta gKap. 352h, art. 8(4).

kellux interess jew, anzi, kien kontra l-interess tieghu illi jaghmel hekk.
"Ghal din ir-raguni, jekk tintlaqa' l-eccezzjoni ta' intempestività l-atturi jibqghu minghajr mezz li jfittxu rimedju. L-eccezzjoni hija ghalhekk michuda.
"Fadal issa li nqisu l-meritu tat-talbiet ta' l-atturi.
"Ir-Regolamenti dwar il-haddiema tal-Port[3] ighidu hekk dwar hlas ghax-xoghol ta' dawk il-haddiema:

**25.** Il-principali ta' haddiema tal-port ghandhom ihallsu ghal xoghol tal-port lill-Awtorità gMarittima ta' Maltah skond it-tariffi ta' drittijiet u rati li japplikaw specifikati fit-Tieni Skeda, u skond l-imposta specifikata fit-Tmien Skeda li tinsab ma' dawn ir-Regolamenti.

**26.** L-Awtorità ghandha, meta tircievi l-hlas ghal kontijiet minghand il-principali tal-haddiema tal-port, tiddepozita f'kont tal-pagi ta' haddiema tal-port kull ammont ta' flus dovut lil haddiema tal-port skond it-tariffi ta' drittijiet u notamenti relattivi specifikati fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-Regolamenti.

**27.** Id-drittijiet specifikati fit-tariffi tad-drittijiet li hemm fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-Regolamenti ghandhom jigu kalkolati skond il-metodi specifikati fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dawn ir-Regolamenti.

**28.** Il-metodu ta' hlas lil haddiema tal-port ghandu jkun skond id-dis-posizzjonijiet tal-hames Skeda li tinsab ma' dawn ir-Regolamenti.

"Dwar it-tqassim tal-hlasijiet lill-haddiema tal-port, il-hames Skeda li tinsab mar-Regolamenti tghid hekk:

Il-hlas ta' zieda ghall-gholi fil-hajja jew ta' *bonus* jew ta' kull zieda ohra fil-pagi ta' haddiema tal-port flimkien mad-drittijiet relattivi lilhom dovuti bis-sahha tat-Tielet Skeda ghandhom isiru bil-mod li gej -

(*a*) … … … *omissis* … … …;

(*b*) kull qligh dovut lil haddiema tal-port ghax-xahar ta' qabel ghandu jitqassam indaqs, wara li jkun sar it-tnaqqis mehtieg kollu, fost il-haddiema tal-port fil-15 u fl-ahhar jum tax-xahar:

"L-atturi huma haddiema tal-port registrati mal-konvenut Direttur Esekuttiv responsabbli ghall-Portijiet kif irid l-art. 3 ta' l-Ordinanza dwar il-haddiema tal-Port, izda jahdmu fil-

[3] A.L. 90 ta' l-1993.

port hieles, mhux fil-Port il-Kbir bhall-haddiema l-ohra tal-port, u jircievu l-hlas taghhom minghand is-socjetà li thaddem il-port hieles. Ghall-ewwel li kienu marru jahdmu l-port hieles, l-atturi kienu jaqsmu mal-haddiema l-ohra d-dhul mill-*unitised cargo* izda wara xi zmien, billi l-haddiema l-ohra lmentaw, il-konvenuti ma baqghux jaghtuhom sehem.

“L-argument ta’ l-atturi huwa semplici: qeghdin ighidu illi l-ligi trid illi l-qligh jitqassam f’ishma ndaqs lill-haddiema tal-port, bla distinzjoni, u, billi huma haddiema tal-port bhall-haddiema l-ohra tal-port, mela huma wkoll ghandhom jiehdu sehem. Il-konvenuti jidhru illi qeghdin jikkoncedu illi interpretazzjoni tal-ligi taghti ragun lill-atturi, u kienu aktar konsiderazzjonijiet prattici ta’ relazzjonijiet industrijali milli konsiderazzjonijiet legali li wassluhom biex ma jhallux lill-atturi jaqsmu mal-haddiema l-ohra, ghalkemm seta’ dehrilhom illi l-argumenti legali ta’ l-atturi kienu tajbin.

“Naturalment, din il-qorti hija marbuta illi timxi fuq dak li tghid il-ligi u mhux fuq dak li jidhrilha illi l-ligi ghandha tghid u ma tistax tiskarta dispozizzjoni tal-ligi ghar-raguni illi dik il-ligi tista’ twassal ghal konkluzjonijiet li joholqu problemi jew inkonvenjent, ukoll meta l-problemi jkunu serji daqs dawk imsemmija mill-konvenuti fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom.

“Naraw mela xi tghid u, aktar minn hekk, xi trid il-ligi.

“L-argument ta’ l-atturi huwa wiehed li jidher qawwi hafna: *ubi lex non distinguit, nec nos distinguere debemus.* Madankollu l-argument ta’ l-atturi huwa fil-fehma tal-qorti mibni fuq interpretazzjoni x’aktarx superficjali li tqis biss il-kliem tal-ligi bla ma tqis il-hsieb wara dak il-kliem. Biex tasal ghal interpretazzjoni tajba tal-ligijiet, ma hux bizzejjed li tara l-kliem tal-ligi izda trid tqis ukoll u aktar il-hsieb ta’ min ghamilhom: *prior atque potentior est, quam vox, mens dicentis — scire leges non est verba earum tenere, sed vim ac potestatem.*

“Ir-raguni ghala l-ligi trid illi l-haddiema tal-port kollha jaqsmu d-dhul hija ghax il-haddiema tal-port kollha jaghtu sehem ghal dak id-dhul. Rajna illi r-regolament 26 tar-Regolamenti dwar il-haddiema tal-Port irid illi l-hlas ta’ dak li hu dovut lill-haddiema tal-port minghand il-principali taghhom jitqieghed f’kont tal-pagi ta’ haddiema tal-port biex minn dak il-kont imbaghad isir it-tqassim. Kulhadd

jiehu minn dak il-kont ghax kulhadd jitfa' f'dak il-kont, u ghalhekk min ma jitfax fil-kont ma ghandux jiehu minnu. L-atturi izda ma huma qeghdin jitfghu xejn fil-kont ghax il-hlas ghax-xoghol taghhom jithallas direttament lilhom mill-kumpanija li thaddem il-port hieles flok ighaddi mill-kont tal-pagi[4].

"Ladarba ntemmet ir-raguni ghat-tqassim lill-atturi ta' sehem minn dak il-kont, *i.e.* ladarba l-atturi ma ghadhomx jikkontribwixxu lil dak il-kont, mela ghandu jintemm ukoll it-tqassim lilhom: *cessante ratione legis, lex ipsa cessat.*

"Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti ma' taqbilx ma' l-interpretazzjoni illi tghid illi l-atturi ghandhom jiehdu sehem mill-qligh imsemmi fic-citazzjoni, u taqta' l-kawza billi tichad it-talbiet ta' l-atturi.

"Il-konvenuti *Port Labour Joint Council* u Direttur Esekuttiv responsabbli ghall-Portijiet ghandhom ihallsu l-ispejjez ta' l-ewwel tliet eccezzjonijiet taghhom, u l-konvenut Ministru ghat-Trasport u Telekomunikazzjonijiet ghandu jhallas l-ispejjez ta' l-ewwel eccezzjoni tieghu; l-ispejjez l-ohrajn ghandhom ihallsuhom l-atturi."

**<u>L-appell ta' l-atturi</u>**

Permezz ta' rikors (fol. 190 tal-atti) ippresentat fit-23 ta' Mejju 2002, l-atturi appellaw minn din is-sentenza. Ghalkemm l-appellanti f'dan ir-rikors iressqu 'l quddiem erba' aggravji, l-ewwel u t-tieni aggravju huma sostanzjalment rifless ta' l-istess haga. Dawn l-ewwel zewg aggravji huma fis-sens li fil-kors tal-proceduri l-appellati ma kkontestawx l-interpretazzjoni tar-Regolamenti li kienet qeghda tinghata mill-appellanti. F'dawn ic-cirkostanzi l-Ewwel Qorti ma kellhiex l-awtorita` li tissolleva eccezzjonijiet *ex officio,* kif, skond huma, ghamlet meta nterpretat ir-regolamenti. L-appellanti jippuntwalizzaw in partikolari hekk:

"Illi fil-kawza odjerna l-appellanti ressqu l-provi kollha insostenn tat-talbiet taghhom u senjatament l-fatt li kienu port workers, li marru jahdmu l-Freeport u li gja kien sar arbitragg li sab favurihom. L-appellati eccepew

---

[4] Ara x-xiehda ta' Charles Schembri fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2001, *fol.* 163.

generalment li ma kienux l-legittimi kontraditturi. Qatt ma giet prezentata eccezzjoni li l-ligi kellha tigi nterpretata mod iehor kif tenniet il-Qorti fis-sentenza.

"Illi huwa b'hekk sottomess li meta l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha qajmet punt ta' interpretazzjoni tal-ligi li ma kienx parti mill-litis contestatio naqqxet mill-principji fondamentali tal-azzjoni civili kif processata mir-regoli tal-procedura civili. Jekk Qorti tal-Gustizzja, salv meta jkun hemm kwistjonijiet ta' natura pubblika, tiddetermina kaz fuq punt li jissorprendi lill-partijiet ghaliex qatt ma tqajjem fil-kawza, joqtol ghall kollox, il-principju ta' onus probandi ghaliex kemm l-attur u kemm il-konvenut qatt ma jista jkun jaf fuq xiex ghandu jressaq l-azzjoni u/jew id-difiza.

……………………..

"Illi fil-proceduri l-appellati mhux talli ma kkontestawx l-interpretazzjoni tal-ligi talli ammettew li huma jahsbu li l-appellanti ghandhom ragun fit-talba taghhom u ma segwewx iregolamenti ghar-ragunijiet ta' paci industrijali.

"Illi fil-qosor stante li l-interpretazzjoni tar-regolamenti relevanti ghal-kaz tqajjmet mill-Qorti, ex officio, fis-sentenza, meta tali nterpretazzjoni ma kienetx tifforma parti mill-kawza, l-appellanti ma kellhomx l-opportunita` jirribattuha".

It-tielet aggravju, li wkoll isegwi mill-ewwel tnejn u hu pedissekwu ghalihom, hu fis-sens li l-Prim Awla eccediet il-poteri taghha meta tat interpretazzjoni ghal ligi li kienet cara. Ir-raba' aggravju, imbaghad, hu fis-sens li l-fatti ma kienux jissufragaw l-interpretazzjoni tal-ligi moghtija mill-ewwel Qorti; l-appellanti jikkontendu li l-ewwel Qorti *"...naqset [milli] tapprezza l-komplessita` tal-kundizzjonijiet ta' hlas tal-haddiema tal-port u qatghet it-triq facli billi tenniet...li stante li l-appellanti ma baqghux jikkontribwixxu ghall-find komuni (li fil-fatt ghadhom, kemm fi hlasijiet u kemm f'xoghol ghalkemm fi grad inqas), ma kellhomx ikomplu jippercepixxu minn dan il-fond. Fuq kollox ma*

*nghatat ebda raguni ghaliex semmai ma nbidlitx il-ligi jekk ic-cirkostanzi nbidlu."* (fol. 201).

**Fatti saljenti**

Il-fatti saljenti ta' din il-kawza jistghu jigu riassunti hekk: l-appellanti huma haddiema tal-port u registrati bhala tali. Id-dmirijiet taghhom jaqduhom fuq bazi permanenti[5] fil-Port Hieles u mhux fil-Port il-Kbir bhall-*port workers* l-ohra. Huma jithallsu mill-kumpannija li topera l-Port Hieles. Fil-Port il-Kbir – fejn allura ma jaghtu ebda sehem l-atturi appellanti – isir xoghol maghruf bhala *unitised cargo* u d-dhul minn dan ix-xoghol (li jingabar u li hu stabbilit b'tariffi mahruga skond regolamenti[6]) jitqassam bejn il-haddiema tal-port. Issa, gara li ghall-bidu, cioe` wara li l-atturi appellanti kienu marru jahdmu fuq bazi permanenti fil-Port Hieles, huma kienu baqghu jircievu wkoll sehem minn dan id-dhul mill-*unitised cargo* li jingabar fuq xoghol li jsir fil-Port il-Kbir. Wara xi zmien, pero`, u wara li sar ilment minn dawk il-haddiema li jahdmu fil-Port il-Kbir, il-haddiema li jahdmu fil-Port Hieles ma baqghux jircievu sehem minn dan id-dhul. Intalab parir mill-avukat (gja Imhallef) Dott. Godwin Muscat Azzopardi, u dan ikkonkluda li l-haddiema tal-port li marru jahdmu l-Port Hieles b'mod permanenti kellhom jibqghu jgawdu mill-qligh li jsir mix-xogol ta' *unitised cargo* li jsir fil-Port il-Kbir. Jidher li huwa bbaza l-opinjoni tieghu fuq il-fatt li *"...initially all the income from unitised cargo was distributed is indicative of the fact of the acceptance of this basic principle",* cioe` l-principju li *"...no distinction should be made between the different categories [of port workers]"* [7] .

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Fir-rigward tal-ewwel u t-tieni aggravju, huwa minnu li l-appellat Charles Schembri noe fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu quddiem l-ewwel Qorti [fol. 176] iddikjara li kien qieghed *"jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-*

[5] Ara d-deposizzjoni tal-konvenut Charles Schembri a fol. 156.
[6] Ara fol. 161.
[7] Ara fol. 15, parti mir-rapport tal-imsemmi Dott. Muscat Azzopardi.

*Qorti”*. Din fiha nnifisha, pero`, ma tista’ qatt titqies li hija xi forma ta’ ammissjoni ghat-talbiet tal-atturi. Fl-ahhar mill-ahhar, kif gustament osserva l-imsemmi appellat f’dik in-nota, hu *“la ser idahhal u l-anqas ser johrog minn din il-kwistjoni”* [*ibid.*]. Kif sewwa nghad fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Christian Farrugia noe vs Mid Med Bank Limited** (Cit. nru: 1975/1995) deciza mill-Qorti Civili, Prim’Awla fid-9 ta’ Jannar 1998, *“il-fatt li fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu huwa rrimetta ruhu ghall-gudizzju ta’ din il-Qorti ma jammontax ghal ammissjoni tat-talbiet attrici u b’hekk l-imsemmi konvenut ma rrinunzjax ghad-dritt tieghu li jekk l-attur jonqos li jgib provi sufficienti biex tintlaqa’ t-talba huwa jista’ jattira l-attenzjoni tal-Qorti ghal din il-mankanza, u jekk din il-mankanza tigi konstatata mill-Qorti, it-talbiet jigu michuda….”*

Inoltre, ma jidhirx li l-ewwel Qorti ssollevat xi eccezzjoni *ex officio*, kif qeghdin jalludu l-appellanti. Fl-ewwel lok fir-raba’ eccezzjoni tal-appellati *Port Labour Joint Council* u Direttur Ezekuttiv responsabbli ghall-Portijiet, kif ukoll fit-tieni eccezzjoni ta’ l-appellat Ministru ghat-Trasport u Telekomunikazzjonijiet hemm <u>kontestazzjoni cara</u> ghat-talba tal-atturi. Dan apparti l-fatt li sabiex il-Qorti tasal biex taghti decizjoni kellha ta’ bilfors taghmel interpretazzjoni ta’ dak li tghid il-ligi u li jghidu r-regolamenti relattivi. Ma humiex korretti l-appellanti meta jillanjaw li l-ewwel Qorti b’xi mod “issorprendiethom” ghax, skond huma, iddeterminat il-kawza fuq punt li qatt ma tqajjem fil-kawza. Il-kawza kollha, mill-bidu nett, kienet ippernjata fuq <u>interpretazzjoni</u> tal-ligi u tar-regolamenti, u ghax l-interpretazzjoni finalment moghtija mill-Qorti ma ghogbotx lil parti jew lil ohra, dik il-parti ma tistax issa tilmenta li giet “sorpriza” – se mai il-parti kellha tara l-possibilitajiet <u>kollha</u> ghall-finijiet ta’ dik l-interpretazzjoni, u ma tiehu xejn *for granted*. Fil-kaz *de quo* l-ewwel Qorti, fl-ghoti tas-sentenza, baqghet fil-limiti tal-kontestazzjoni u okkupat ruhha mill-kwistjonijiet kollha li kienu dedotti fil-gudizzju mill-partijiet. L-appellanti jsostnu li r-Regolamenti ma jaghmlux distinzjoni bejn il-haddiema li jahdmu fil-Port il-Kbir u dawk li jahdmu fil-Port Hieles. Tant hu hekk li fic-citazzjoni ppremettew li *“r-regolamenti dwar il-Haddiema tal-Port tal-1993 kif ukoll ir-regolamenti fis-sehh qabel, ma*

*jiddistingwux dwar haddiema tal-port li jahdmu l-Belt, Valletta jew il-Freeport Terminal”* u mbaghad talbu sabiex il-Qorti tiddikjara li *“l-atturi ghandhom dritt jaqsmu ugwalment mal-haddiema l-ohra tal-port id-dhul mill-unitised cargo li jidhol fil-Port”*. L-Ewwel Qorti kellha ta’ bilfors tqies x’ighidu r-Regolamenti sabiex tasal biex taghti decizjoni fuq it-talba tal-appellanti. Din hija kwistjoni li l-appellanti ressqu quddiem il-Qorti sabiex tinghata decizjoni dwarha. Kif jinghad fin-**Novissimo Digesto Italiano** (Vol. VIII pagna 896):- *“La norma giuridica per essere applicata al caso concreto deve essere interpretata. La interpretazione e` un momento essenziale nella applicazione della legge, ed un presupposto indispensabile, perche` logicamente non si puo` concepire applicazione di norma giuridica che non sia stata previamente interpretata, se per interpretazione si intende, come deve intendersi, il processo logico attraverso al quale si rivela e si pone in evidenza il contenuto della disposizione legislativa”*.

Fil-Hames Skeda li tinsab mar Regolamenti dwar il-Haddiema tal-Port (Avviz Legali 90 ta’ l-1993) jinghad *inter alia* li:-

***“kull qligh dovut lil haddiema tal-port ghax-xahar ta’ qabel <u>ghandu jitqassam indaqs</u>, wara li jkun sar it-tnaqqis mehtieg kollu, <u>fost il-haddiema tal-port</u> fil-15 u fl-ahhar jum tax-xahar”*** (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Haddiem tal-port huwa definit fl-Artikolu 2 tal-Kap. 171 bhala *“<u>persuna mpjegata f’port</u> fil-manigg ta’ merkanzija fix-xoghol ta’ taghbija jew hatt ta’ merkanzija ghal fuq jew minn bastiment, minn jew ghal xi post fuq l-art, persuna mpjegata mid-Direttur jew minn kuntrattur biex timmanigga merkanzija f’mahzen u persuna mpjegata fil-manigg ta’ dik il-merkanzija, li l-Ministru jista’ minn zmien ghal zmien jippreskrivi, minn tinda tal-merkanzija* in transit *jew minn munzell minn fuq il-moll fl-apert ghal vettura jew fit-tghaqqid, fl-agruppar jew fl-izmuntar, ta’ merkanzija f’taghbija jew minn taghbija f’unita` wahda f’port u "xoghol tal-port" ghandha tiftiehem skond hekk”* . Issa, mill-provi jirrizulta li l-appellanti huma regolarment registrati bhala

haddiema tal-port mad-Direttur Ezekuttiv responsabbli ghall-Portijiet, u isimhom huwa registrat fir-registru li jzomm dan id-Direttur [ara Art. 3 tal-Ordinanza dwar il-Haddiema tal-Port, Kap. 171]. Huwa minnu, kif wara kollox irrikonoxxiet ukoll l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, li r-Regolamenti dwar il-Haddiema tal-Port jidher li ma jaghmlux distinzjoni bejn haddiema li jahdmu fil-Port il-Kbir u dawk li jahdmu fil-Port Hieles. Huwa f'dan il-kuntest l-appellanti qeghdin isostnu li ghandhom igawdu bl-istess mod mill-qligh li jibqa' mix-xoghol ta' *unitised cargo* li jinhadem fil-Port il-Kbir. Skond l-appellanti, fejn il-ligi hija cara m'hemmx lok ta' interpretazzjoni u ghalhekk huma ntitolati li jircievu mill-qligh li jigi registrat mix-xoghol li jsir fil-Port il-Kbir.

L-Ewwel Qorti ddikjarat li m'huwiex bizzejjed li wiehed joqghod fuq dak li tghid il-ligi, izda wiehed irid iqies ukoll il-hsieb ta' min ikun ghamel il-ligi.

Il-Qrati taghna kellhom diversi okkazjonijiet li fihom esprimew il-fehma taghhom dwar l-"interpretazzjoni" tal-ligi meta l-istess ligi tkun apparentement cara. Hekk per ezempju f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Avukat Dr. Anthony Pullicino et vs Sir David Campbell ne.** deciza fit-23 ta' Mejju 1947 (Vol. XXXIII.i.103), inghad:-

***"…… mhux ezatt il-principju espost mill-appellanti illi meta l-kelma tal-legislatur hija cara (f'dan il-kaz hija cara l-art 3 bix tkun eskluza azzjoni) ma tistax tezamina r-'ratio legis', ghaliex kif din il-Qorti rriteniet in re Ing. G. Vincenti vs Edgar Staines ne fil-25 ta' Ottubru 1940 (Appell Civili), 'il principio ubi nulla ambiguitas verborum est non est facienda voluntatis quaestio deve cedere all'altro principio d'interpretazione, che cioe` non mens verbis sed verba menti servire debent, perche` altrimenti nascerebbe conflitto tra il pensiero certo del legislatore e la parola della legge. L'interpretazione logica non ha unicamente un ufficio sussidiario all'interpretazione letterale, e l'intenzione del legislatore deve prevalere".*** (p. 107).

F'dan is-sens ukoll huwa l-insenjament tal-awtur F. Laurent (*Principii di Diritto Civile*, Volum 1): *"Noi respingiamo dunque cio` che si dice l'interpretazione giudaica, che sacrifica lo spirito alla lettera. L'interprete deve sempre ricercare lo spirito della legge. In questo senso, si potrebbe dire che ogni interpretazione e` logica. Per chiaro che sia il testo, bisogna animarlo, vivificarlo, ricorrendo alla storia, alla discussione, ai lavori preparatori; a piu` forte ragione, cio` e` necessario quando la legge e` oscura"* (pagna 307). L-awtur ikompli josserva, *"la nostra conclusione e` che bisogna sempre consultare i lavori preparatori; ma bisogna guadarsi dal vedervi un'interpretazione autentica del Codice. Si finirebbe a delle eresie giuridiche, se le si prendesse letteralmente"* (pagna 309). Fuq l-istess linja l-awtur Alberto Trabucchi, *Istituzioni di Diritto Civile, Trentesima Terza Edizione*, Cedam, esprima l-fehma li *"l'interpretazione letterale ci offre la base oggettiva; ma non basta, ed e` necessaria l'interpretazione logica che ci dara` la voluntas legis, l'elemento vitale che ha carattere decisivo"* (pagni 37 – 38).

Fil-kaz odjern m'huwiex verosimili li l-legislatur qatt kellu l-hsieb li haddiema li ma jaghmlux xoghol partikolari (f'dan il-kaz *unitised cargo* fil-Port il-Kbir) ghandhom igawdu mill-qligh li jkun qieghed ihalli xoghol li jsir minn terzi. Kieku kien mod iehor kien iwassal ghal sitwazzjoni fejn l-appellanti jarrikkixxu ruhhom minn xoghol li jaghmel haddiehor. Il-hsieb wara r-regolament jidher li huwa li kull min jaghti sehem fix-xoghol li jsir ghandu jircievi sehem mid-dhul. Zgur li mill-aspett ta' ekwita`[8] din l-interpretazzjoni hija dik gusta u l-iktar ragunata li tiffavorixxi s-sens ta' gustizzja. Huwa d-dover tal-gudikant li *"japplika disposizzjoni u jinterpretaha b'mod li jista' jikkonciljaha mal-ligijiet l-ohra biex l-applikazzjoni taghha ma tigix ingusta"* (sentenza riportata fil-Volum XXXII.i.309).

[8] *In omnibus quidem, maxime tamen in iure, aequitas spectanda sit.*

Kwantu ghar-raba' aggravju ta' l-appellanti, din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi tghid. L-ewwel Qorti ghamlet analizi korretta tal-provi li kellha quddiemha, mnejn irrisulta, kif diga nghad, li l-atturi appellanti ma kienu qed jikkontribwixxu xejn lejn id-dhul mill-*unitised cargo* fil-Port il-Kbir. Fil-kuntest ta' dana l-aggravju l-appellanti jsostnu li meta *"marru jahdmu l-Freeport dan ghamluh bil-kundizzjoni li jibqaw jaqsmu mal-haddiema tal-port kollha mill-kont komuni u baqghu hekk jithallsu ghal xi xhur wara. Kien biss wara xi xhur li abuzivament waqfu jsiru l-pagamenti"* (fol. 200-201). F'dan ir-rigward din il-Qorti tosserva li mill-provi ma rrizultax li l-ftehim kien li dawk li ghazlu li jmorru jahdmu fil-Port Hieles kellhom jibqghu jgawdu mill-istess kundizzjonijiet li kellhom qabel, f'dan il-kaz li jibqghu jiehdu sehem mill-qligh li jhalli l-*unitised cargo* li jsir fil-Port il-Kbir. L-appellanti ma ressqu l-ebda dokument li jsostni din it-tezi. Huwa veru li l-appellant George Debono, fl-affidavit tieghu tal-31 ta' Jannar 2000 (fol. 103, 104) jibda biex ighid li hu u ohrajn marru jahdmu l-*freeport* fl-10 ta' Ottubru 1989 u li *"...ghal dan il-ghan it-Taqsima tal-Port u Transport tal-General Workers Union tatna garanzija li se nibqghu niehdu sehemna mix-xoghol li jinhadem il-port il-Belt Valletta kif stipulat fil-ligi."*, u f'dan il-kuntest jaghmel referenza ghad-dokument "A", datat 21 ta' Marzu 1990, anness ma' l-istess affidavit. Issa, apparti li din il-Qorti ma tistax tifhem kif dokument li jgib id-data ta' Marzu 1990 jista' jkun "garanzija" ta' xi haga li sehhet mill-anqas hames xhur qabel, id-dokument "A" jiggarantixxi xi haga, izda certament mhux dak li qed jippretendi l-imsemmi appellant (u l-appellanti l-ohra kollha), cioe` li huma kellhom jibqghu jibbenefikaw mill-qligh tal-Port il-Kbir. Pjuttost, anzi, din l-ittra timplika <u>l-kuntrarju</u> ta' dak li qed isostnu l-appellant dwar "ftehim" li huma jibqghu jibbenefikaw mill-qligh fil-Port il-Kbira. Ghall-kompletezza id-dokument "A" qed jigi riprodott *in calce* [9]. Anqas is-Sur

[9] "B'din l-ittra t-Taqsima Port u Transport tal-General Workers' Union qeghda taghti garanzija lil dawk il-Port Workers li sejrin jiffirmaw il-kuntratt tax-xoghol mal-Malta Freeport Terminal, li huma jkunu fuq probation ta' sena mid-data tal-kuntratt u jekk f'dan il-periodu jiddeciedu li jergghu lura fil-Port Work Scheme ikunu jistghu jaghmlu dan minghajr l-ebda tfixkil. Wara sena l-licenzja tigi iffrizata u jekk xi hadd minnhom jigi misjub zejjed jew il-Kumpanija Malta Freeport Terminal tigi xolta, dawn ikollhom dritt li jergghu jirritornaw bhala Port Workers. Fin-nuqqas ta' dan u ta' punti ohra mitluba mit-Taqsima ghal Port Workers licenzjati li sejrin jahdmu mal-Malta Freeport Terminal, it-Taqsima tkun lesta li tirrevedi l-posizzjoni taghha u tkun libera li tesigi li dawk il-Port

Tony Zarb, wiehed mill-firmatarji ta' dan id-dokument "A", ma qal, meta gie prodott bhala xhud mill-atturi fl-udjenza tas-16 ta' Novembru 1999 (fol. 62 *et seq.*) dak li l-appellanti qed jippretendu dwar il-ftehim jew garanzija msemmija. Inoltre, ghalkemm huwa minnu li ghal numru ta' xhur l-appellanti kienu qeghdin jiehdu sehem mill-qligh, dan il-fatt fih innifsu ma jfissirx li tahom xi dritt li jibqghu jircievu l-hlas. Il-hlas baqa' jsir sakemm il-haddiema l-ohra pprotestaw ghal dan l-istat ta' fatt in kwantu dan il-qligh kien jirreferi ghal xoghol li jkun sar fil-Port il-Kbir. Ghalhekk anke dana l-aggravju ta' l-appellanti huwa infondat.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

Workers li diga ikunu marru l-Malta Freeport jergghu lura fil-Port Work Scheme minghajr l-ebda tfixkil. (iffirmat) Tony Zarb, Segretarju, Godwin Abela, President."